VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,567, 23 ta' Marzu, 2010*
*Taqsima B*

**A.L. 168 tal-2010**

# ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
# (KAP. 327)

## L-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Facilitating Inclusive Education taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titolu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Facilitating Inclusive Education, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Facilitating Inclusive Education - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 262 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

**L-emenda għall-ordinamenti 3 u 4 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok l-ordinamenti 3 u 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Biex ikunu reġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università, sad-data tal-applikazzjoni, għandhom ikunu għaddew fit-testijiet ta' profiċjenza fl-Ingliż u fil-Malti kif approvati mill-Fakultà, u mill-European Computer Driving License (ECDL). L-applikanti għandhom ikunu eżentati milli

joqogħdu għat-testijiet ta' profiċjenza fl-Ingliż u fil-Malti jekk ikunu għaddew bi Grad 3 jew ogħla fl-Ezami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, jew għaddew bi Grad Ċ jew ogħla fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, jew għaddew bi Grad Ċ jew ogħla fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola fl-Ingliż u/jew fil-Malti. Fil-każ tal-Ingliż, *passes* fi kwalifiki komparabbli fl-istess livell ikunu aċċettati wkoll.

(2) L-applikanti maturi, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċjali għall-kors imsemmija f'paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, ikunu meħtieġa li joqogħdu għal eżami bil-miktub. L-eżami jevalwa l-kapaċità tal-applikanti li jifhmu l-letteratura rilevanti għall-filosofija tal-inklużjoni.

(3) L-applikanti kollha jkunu meħtieġa jissodisfaw lill-Bord, permezz ta' intervista, li għandhom id-disponibbiltà u d-dispożizzjoni meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt.

4. (1) Il-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat, għandu jiddetermina l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(2) Jekk l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, il-Bord għandu jagħżel l-applikanti skont dawn il-kriterji li ġejjin:

(i) il-kwalifiki;
(ii) l-esperjenza ta' xogħol f'qasam relatat; u
(iii) il-livell milħuq waqt l-intervista.

(3) Il-bord tal-intervista maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri."